MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 19/2001/1

J.C.R. Ltd .

Vs

Angelo Camilleri u b'degriet tal-Qorti tat-22 ta' Marzu, 2005, Dr. Angele Portelli ġiet nominata kuratur sabiex tirrappreżenta lill-konvenut .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandux jiġi kkundannat li jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħames mija u wieħed u ħamsin lira Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm551.24c) dovuta lilha bħala ħlas ta' materjal mixtri minnu mingħand is-soċjeta' attriċi .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta lilek f'Diċembru tas-sena elfejn (2000) .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni .

Bl-imgħaxijiet skond il-Liġi .

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Angelo Camilleri li permezz tagħha eċċepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub huwa eċċessiv u l-eċċipjenti qatt ma ħa xogħol fl-ammont pretiż . Għalhekk is-soċjeta' attriċi trid tipproduċi ġustifikazzjoni ta' l-ammont minnha mitlub, permezz ta' invoices debitament iffirmati .

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, parti sostanzjali mill-materjal mixtri kienet ta' kwalita' inferjuri, tant illi l-eċċipjenti nvolva ruħu fi spejjez oħra sabiex jilhaq l-iskop illi għalih kellu jservi l-materjal konsenjat, u sabiex isewwi l-ħsarat kaġunati kawża ta' dan il-materjal inferjuri .

3. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat ukoll id-dokumenti esebiti mis-soċjeta' attriċi, u ċioe' l-invoices relattivi għal l-ammont mitlub fl-avviż .

Semgħet lill-avukat Dr. Chris Said li għan-nom tas-soċjeta' attriċi kkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-ammont mitlub fl-avviż għadu sal-lum kollu dovut .

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi, tikkundanna lill-konvenut, sabiex iħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' ħames mija u wieħed u ħamsin lira maltija, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu, dovuta lill-istess soċjeta' attriċi bħala ħlas ta' materjal mixtri mill-konvenut, dana bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Diċembru tas-sena elfejn (2000), kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------